www.jesuit.org.mt

# Ifraħ Marija

*Kliem u Mużika: Roderick Vassallo*

***Capo 2: A Dm G C***

***Am G***
Tfajla, kif ħassejtek meta
***F G E Am***
qalb dawl u nar ġie jżurek Gabrijel?
***Am G***
Tfajla, kif ħassejtek meta
***F G***
kliem Sidna smajt:
***E Am***
bħal' ommu riedek tkun?

> ***A Dm G C***
> *Ifraħ Marija, ifraħ Marija,*
> ***A F Bb E7***
> *ifraħ Marija, għax il-grazzja tal-Mulej*
> ***Bb E7 A Am***
> *sa minn sbiħ il-ħolqien, iddiet fuqek.*

Tfajla, kif ħassejtek meta
dan ġismek tqal ma' l-iva li lissint?
Tfajla, kif ħassejtek meta
għall-kenn ta' għar
wellidt id-dawl u l-ferħ?

> *Ifraħ Marija ...*

Mara, kif ħassejtek meta
meħud maħqur lit-tfajjel tiegħek rajt?
Mara, kif ħassejtek meta
għajruk, warrbuk
l-istess bnedmin tal-palm?

> *Ifraħ Marija ...*

Mara, kif ħassejtek meta
taħt is-salib sirt ta' kull nisel l-Omm?

> *Ifraħ Marija...*